**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 28 ta' Settembru 2023**

**Rikors Nru. 987/2020 GM**

**MAPFRE Middlesea p.l.c. (C5553) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurati tagħha Alexander Attard (K.I. nru 51357lM) u Marieneve Attard (K.I. nru 516980M) abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni kif ukoll tal-liġi, u l-istess Alexander Attard (K.I. nru 513671M) u Marieneve Attard (K.I. nru 516980M)**

**vs**

**[1] Carmel Agius,**
**[2] Roderick Abela, u**
**[3] l-Perit Angiolino sive Lino Micallef;**
**u b'digriet tas-26 ta' Jannar 2021 ġiet kjamata in kawża s-soċjeta' R. Abela Company Limited (C65767)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' MAPFRE Middlesea plc (C5553) li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

1. Ir-rikorrenti Alexander u Marieneve Attard huma l-proprjetarji tal-fond bl-isem Puesta del Sol, li tinsab ġo Triq Mejjiesa, Manikata, limiti tal-Mellieħa.

2. Fis-snin 2018 saru xi xogħlijiet fid-dar adjaċenti għal dik tal-atturi konjuġi Attard, liema dar adjaċenti ġġib l-isem Melita u liema dar tinsab fl-istess Triq Mejjiesa u tappartjeni lill-intimat Carmel Agius.

3. Ix-xogħlijiet illi saru fil-fond tal-intimat Agius saru mill-intimat l-ieħor Roderick Abela taħt is-supervizzjoni tal-perit intimat Lino Micallef.

4. Waqt illi kienu qed isiru x-xogħlijiet imsemmija u b'riżultat tal-istess xogħlijiet, ġew ikkawżati ħsarat konsiderevoli fil-proprjeta' tar-rikorrenti Attard, u dan kif jidher mir-rapporti peritali maħruġa mill-perit inkarigat mill-konjuġi Attard, senjatament il-perit Robert Musumeci.

5. Id-danni imsemmija ġew ikkawżati b'riżultat ta' traskuraġni u negliġenza da parti tal-intimati jew minn minnhom.

6. Il-proprjeta' appartenjenti lill-konjuġi Attard kienet koperta minn polza ta' assikurazzjoni maħruġa mis-soċjeta' rikorrenti MAPFRE Middlesea p.l.c..

7. Abbażi tal-polza ta' assikurazzjoni msemmija, is-soċjeta' rikorrenti Mapfre Middlesea p.l.c. għamlet tajjeb għad-danni sofferti mir-rikorrenti Attard ammontanti għas-somma ta' ħamsa u tletin elf, mitejn u disgħa u għoxrin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu [€35,229.28], li minnhom ħamsin ewro [€50.00] huma pagabbli lir-rikorrenti Attard bħala *excess.*

8. Minkejja illi l-intimati ġew interpellati biex jagħmlu tajjeb għad-danni ikkawżati minnhom jew min minnhom, huma baqgħu inadempjenti.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

(i) Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għad-danni ikkawżati fil-fond proprjeta' tar-rikorrenti konjuġi Attard liema danni ġew ikkaġunati minħabba traskuraġni u negliġenza da parti tal-istess intimati jew min minnhom;

(ii) Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' ħamsa u tletin elf, mitejn u disgħa u għoxrin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€35,229.28), li minnhom ħamsin ewro [€50.00] huma pagabbli lir-rikorrenti Attard bħala excess, jew somma verjuri li għandha tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti jekk hemm bżonn bl-għajnuna ta' periti nominandi;

(iii) Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata, u dan fi żmien qasir u perentorju illi għandu jiġi ffissat minn dan l-Onorabbli Qorti,

kollox skont kif ġie dikjarat aktar 'l fuq u għar-raġunijiet premessi.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Perit Lino sive Angiolino Micallef u ta' Roderick Abela li permezz tagħha eċċepew illi :

Il-pretensjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti qed jiġu miċħuda kategorikamet bħala insostenibbli fil-fatt u fid-dritt u dan a bażi tas-segwenti eċċezzjonijiet:

1. Fl-ewwel lok, u in linea preliminari, ix-xogħlijiet oġġett ta' din il-kawża ma sarux mill-konvenut Roderick Abela personalment u li sabiex ikun hemm l-integrita' tal-ġudizzju s-soċjeta' R. Abela Company Limited (C65767) li kkuntrattat ix-xogħlijiet kellha tkun parti fil-kawża;

2. Fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' attriċi trid iġġib prova li l-assikurati tagħha huma l-proprjetarji tal-fond bl-isem Puesta del Sol, Triq il-Mejjies, Manikata, limiti tal-Mellieħa;

3. Fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-danni allegati ma setgħu qatt jiġu kkawżati mix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni li tagħhom kien responsabbli l-Perit Micallef u dan kif ser jiġi ppruvat waqt l-andament tal-kawża, ukoll, jekk neċessarju, bil-ħatra ta' periti tekniċi appuntati mill-Onorabbli Qorti.

4. Fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fl-eventwalita' illi jiġi konkluż illi x-xogħlijiet li tagħhom kien inkarigat il-Perit Micallef effettivament ikkawżaw id-danni, irid jiġġustifikat l-ammont eżorbitanti u eċċessiv illi qed tippretendi s-soċjeta' rikorrenti;

5. Fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fl-eventwalita' illi s-soċjeta' rikorrenti tipprova n-ness kawżali bejn ix-xogħljiet u d-danni, is-soċjeta' rikorrenti trid tipprova wkoll in-ness kawżali bejn xi allegat nuqqas da parti tal-Perit intimat fil-kapaċita' professjonali tiegħu u l-allegati danni;

6. Fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost u fi kwalsiasi każ, il-Perit Micallef ma jista' qatt ikun miżmum responsabbli għall-ebda dannu fil-fond mertu tal-każ stante illi fl-eżekuzzjoni ta' l-inkarigu tiegħu, l-intimat Micallef applika

strettament ir-regoli, regolamenti u standards kollha applikabbli illi jirregolaw ix-xogħol minnu eżegwit u aderixxa ruħu mal-istess.

7. Inoltre, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Perit Micallef f'kull waqt u kull stadju ta' l-inkarigu tiegħu, aġixxa bl-iktar mod professjonali, prudenti u diliġenti u bl-ebda mod ma jista' jinstab responsabbli għall-allegati danni kemm-il darba jiġu ppruvati;

8. Fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, u f'kull każ, meta saru x-xogħlijiet ġew osservati mhux biss id-distanzi legali rikjesti mil-liġi, imma wkoll ix-xogħlijiet saru taħt is-supervizjoni ta' perit u skont l-arti u s-sengħa;

9. Fil-mertu, u mingħajr preġudizju għas-suespost, is-soċjeta' attriċi għandha tipprova li verament sarulha dawn il-ħsarat stante li fil-mori tal-kawża jista' jirriżulta li dawn il-ħsarat diġa' kienu jeżistu fil-fond bl-isem Puesta del Sol fi Triq Mejjiesa, Manikata limiti tal-Mellieħa u li Alexander Attard u Marieneve Attard ħadu l-opportunita' bix-xogħlijiet li kienu qed isiru sabiex jagħmlu xogħlijiet ġodda fil-fond tagħhom;

10. L-ebda danni ma ġew ikkawżati lill-assikurati tas-soċjeta' rikorrenti, la mll-perit Micallef u lanqas minn Roderick Abela, u li jekk seħħew danni dawn iridu jiġu ppruvati;

Rat li b'digriet tas-26 ta' Jannar 2021 ġiet imsejħa fil-kawża R. Abela Company Limited.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat li l-kawża ġiet differita għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**Fatti**

Din hija kawża minn sidien ta' villa *semi-detached* dwar ħsarat allegatament ikkawżati fil-fond tagħhom kawża ta' skavar ġewwa fond maġembha, proprjeta` tal-konvenut Carmel Agius.

Qabel beda l-iskavar, sar rapport dwar l-istat tal-fond tal-atturi wara aċċess mill-perit Leanne Cassar Mallia, li taħdem mad-ditta tal-konvenut Perit Angiolino Micallef, inkarikata mill-kostruzzjoni tas-sit imsemmi f'Jannar 2018.

Għall-ħabta ta' Marzu u April 2018 twaqqa' bini antik u beda t-tqattiegħ tal-blat, li kien tal-qawwi. B'kollox ġie skavat bejn sular u sular u nofs fuq area kbira biex fuqha jinbnew erba' vilel.

Permezz ta' *e-mail* tat-13 ta' Ġunju 2018 l-attriċi lmentat mal-Building Regulation Office bil-ħsara li kienet qiegħdha ssir lill-pompi tal-pixxina tagħha bit-trab u ħamrija li kienu ta' kuljum jaqgħu fis-sit tagħha waqt l-iskavar imsemmi, anke għaliex ma saret l-ebda forma ta' lqugħ.[1]

L-atturi xehdu li f'Awwissu 2018 il-mużajk tal-pixxina beda jinqala' - tant li l-attur waqt li kien qiegħed jgħum fiha qata' s-swaba l-kbar ta' saqajh ma' biċċa mużajk li kienet inqalgħet u kellu jmur jiddewwa fil-klinika tal-Mosta[2] – u beda jnixxi l-ilma mal-ħitan tal-*pump room* tant li maż-żmien bdew jiffurmaw stalaktiti żgħar.[3]

---

[1] Fol. 98, 99.
[2] Ritratt esibit mill-attur a fol.112.
[3] Ritratt esibit mill-attur a fol. 115.

L-attur xehed li iktar tard tfaċċaw problemi strutturali oħrajn. Żviluppaw konsenturi fil-ħitan u soqfa fid-dar u fil-garaxx; beda jinqala' l-grawting tal-madum fl-*area* ta' madwar il-pixxina u kien hemm siġra li ċċaqalqet minn postha, serrħet ma' kolonna tal-ħajt tal-ġnien, u kissritha.

L-atturi lmentaw mas-sid, mal-periti u mal-kuntrattur.

F'Settembru 2018 is-sid mar jara l-ħsara u offra li jraqqa' l-mużajk tal-pixxina u jipprova jara imnejn kien ġej l-ilma nieżel fil-pump room. L-atturi rrifjutaw l-offerta.

Fuq inikariku tal-atturi, fis-26 ta' Novembru 2018 il-Perit Benjamin Vassallo mill-uffiċċju tal-Perit Robert Musumeci aċċeda fil-villa tal-atturi u fit-3 ta' Diċembru 2018 il-Perit Musumeci ħareġ rapport dwar il-ħsarat.

Mit-tabella komparattiva bejn ir-rapport tal-periti tal-konvenut Agius qabel il-bidu tax-xogħol u dak li sar mill-periti tal-atturi wara x-xogħol[4], jirriżultaw difetti li ma ġewx ikkonstatati fl-ewwel rapport.

Skont l-attriċi (mhux kontradetta) f'Diċembru 2018 il-Perit Adrian Mangion ċemplilha u qalilha biex ma tinkwetax għax il-ħsara kienet sejra tkun indirizzata.[5]

---

[4] Fol. 196.
[5] Para. 12 tal-affidavit tal-attriċi a fol. 95.

F'Mejju 2019 saret laqgħa fil-villa tal-atturi bejn il-Periti Ben Vassallo, Leanne Cassar Mallia u Lino Micallef (konvenut), il-kuntrattur Rodrick Abela (konvenut) u Jason Bonavia, sub-kuntrattur ta' Rodrick Abela. Sar qbil li jsir *thermal imaging* biex jinstab minn fejn kien ġej l-ilma li kien qiegħed jiskula fil-pump room. Ir-rapport tlesta fis-7 ta' Ġunju 2019. David R. Muscat li rrediġieh ikkonkluda li ħafna mill-mużajk tal-pixxina u l-grawting tal-madum kien inqala' minħabba l-iskavar u l-vibrazzjoni. Jgħid ukoll li l-atturi għamlu *pressure test* (dan sar minn ħaddieħor) imnejn irriżulta li l-ilma kien ħiereġ minnhom u jiskula fil-*pump room*.[6] Agius ried a *second opinion*, u qabbad lil ċertu Matthew Cauchi biex jagħmel eżerċizzju ieħor ta' *thermal imaging.* Cauchi aċċeda fuq il-post u għamel xi testijiet iżda baqa' ma kkonkludihomx wara sitt xhur. Is-Sur Andrew Pizzuto, uffiċjal tal-assikurazzjoni tal-atturi, xehed li s-soltu Matthew Cauchi jlesti r-rapporti tiegħu f'ġurnata jew tnejn. Qal ukoll li Cauchi jiġi l-kuġin tal-kuntrattur, u għalhekk għamel minn kollox biex itawwal.[7]

Il-ħsarat li l-atturi għamlu *claim* dwarhom kienu limitati għall-pixxina, l-area ta' madwarha, il-ħajt ta' bejn il-ġnien u t-triq, il-bir, u l-*pump room*. Id-ditta assikuratriċi tal-atturi talbithom iġibu stima tal-ħsarat u approvawha. L-atturi bagħtulha stima mill-Perit Robert Musumeci datata 3 ta' Diċembru 2018.

L-atturi qabbdu lil ċertu Rodrick Borg li rranġa l-ħsarat.

Id-ditta assikuratriċi ħallset il-kontijiet.

[6] Fol. 172.
[7] Fol. 436.

Fit-30 ta' Settembru 2019 l-atturi bagħtu ittra uffiċjali lill-konvenuti u fid-29 t'Ottubru 2020 fetħu din il-kawża flimkien ma' mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

Ikkunsidrat:

**Riżultanzi**

Il-fondi tal-atturi u dak tal-konvenut huma mifrudin minn passaġġ wiesa' 5.45 metri[8] u t-tħaffir sar sa din id-distanza.

Il-blat huwa partikolarment iebes; tal-qawwi kif qal il-perit; l-attur xehed li meta ħaffer il-pixxina l-musmar li jtaqqab inkiser xi tliet darbiet.[9]

Ir-rapport li sar qabel ma beda x-xogħol ta' skavar sab xi difetti fil-bini, kemm ġewwa kif ukoll fuq il-faċċata, attribwibbli l-iktar għal nuqqas ta' *maintenance.* Min-naħa l-oħra, ma ġie kkonstatat l-ebda difett fil-pixxina, li kienet mimlija. Il-Perit Leanne Cassar Mallia, li aċċediet fuq il-post biex sar ir-rapport, m'għamlet l-ebda spezzjoni approfondita, imma rrappurtat dak li jidher mad-daqqa t'għajn. Mar-rapport hemm għadd ta' ritratti. F'ritratt li ttieħed tal-*pump room* (li hija tal-brikks mhux imkaħħal) m'hemm l-ebda ilma jnixxi.[10] L-attriċi xehdet li qatt ma kien daħal ilma hemm.[11] Fil-garaxx biswit il-*pump room* il-Perit sabet tebgħat li jixhdu umdita` antika. Ma ċċekkjatx jekk kienx hemm

[8] Ara affidavit tal-konvenut Perit Angiolino Micallef a fol 382.
[9] L-attur fil-kontro-eżami, a fol 274.
[10] Ara żewġ ritratti a fol 171.
[11] Fol 263, l-attriċi in kontro-eżami.

sinjali ta' ilma riċenti taħt dawn it-tbajja. Jekk il-pixxina kellhiex *leakage* u jekk kienx hemm imblukkar tal-pajpijiet ta' madwarha (li sintendi kienu mirdumin) ma setax jiġi kkonstatat mill-Perit. Imma l-ħsarat l-oħra kienu jidhru mad-daqqa t'għajn iżda lill-Perit ma rriżultawlhiex. Lanqas jirriżultaw mir-ritratti li ħadet. Mar-rapport hemm ritratt bil-kulur tal-pixxina u taħtu hemm miktub: "*The swimming pool was filled with water as can be seen in the image below (recte: above), for this reason, no damages were observed".* Hemm diversi ritratti oħrajn li l-Perit esebiet waqt il-kawża, tal-pixxina kif wkoll tal-*coping* u ma jidher l-ebda mużajk, *coping,* jew ħaġ'oħra maqlugħa. [12] Mir-ritratt, ma jidhirx li hemm xi biċċiet tal-mużajk maqlugħin.[13]

L-attur waqt ix-xogħol ta' skavar beda jinnota l-mużajk jinqala' mill-postijiet kollha tal-pixxina, kemm fil-qiegħ kif ukoll fil-ġnub. Qabel qatt ma nqalgħet mużajka waħda.[14]

Il-Perit Musumeci ikkonstata li kien hemm diversi konsenturi f'partijiet tal-ħitan tal-perimetru, siġra li ċċaqalqet u straħet fuq wieħed minn dawn il-ħitan, fili tal-madum, *skirting* u *site-curtilege* fil-bitħa ta' wara miftuħin jew maqlugħin; biċċiet tal-mużajk tal-pixxina maqlugħin u taqtir tal-ilma mill-ħitan u saqaf tal-kantina. Jgħid li "possibilment" dan l-ilma ġej minn xi qsim fil-pixxina (li skont ma qallu l-klijent ma kienx qiegħed żżomm l-ilma) u ħsara fid-*drains* mad-dawra tal-pixxina. "Mill-ewwel daqqa t'għajn jidher li l-ħsara kostatata hi konsegwenza ta' *movement* strutturali magħruf aħjar bħala *structural settlement. ... tali ċaċlieq* normalment jikkonsegwi minn instabilita` fl-istruttura… F'dan il-każ jidher li dil-ħsara kienet ikkawżata wara li saru diversi xogħlijiet ta' kostruzzjoni fil-fond viċinanti *Melita* u dan għas-sempliċi

[12] Ara ritratti fol. 395 sa 399.
[13] Fol. 163.
[14] L-attur in kontro-eżami a fol. 272.

raġuni li qabel saru l-imsemmija xogħlijiet, din il-ħsara ma kinitx teżisti, u dan dejjem skont l-informazzjoni mogħtija" mill-atturi… "inoltre jrid jingħad li mhux stabbilit b'ċertezza jekk il-bir li jinsab viċin il-pixxina hux effettwat ukoll bl-imsemmija xogħlijiet".[15] Il-Perit fl-uffiċċju ta' Robert Musumeci li aċċeda fuq il-post ma kellux aċċess għall-bir.[16]

Rodrick Borg, li kif fuq ingħad sewwa l-ħsarat tal-pixxina, l-area ta' madwarha u l-ħajt tal-ġnien, għandu esperjenza kbira fil-qasam tal-bini li akkwista anke mingħand missieru sa minn meta kien tifel żgħir. Ikkontro-eżaminat, kien kategoriku li l-ħsarat kienu kkaġunati mill-vibrazzjoni tal-makkinarju fis-sit tal-konvenut Agius. Sab konsenturi taħt il-madum tal-pixxina li eskluda li setgħu żviluppaw waħidhom billi l-pixxina mibnija fuq il-blat sod. Il-Qorti osservat il-mod kif xehed Rodrick Borg u ssibu xhud affidabbli.

Din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni l-għala ma temminx lill-atturi fl-affermazzjoni tagħhom li qabel bdew ix-xogħlijiet, il-pixxina ma kellhiex *leakages* u li ebda ilma ma kien jidħol fil-*pump room.* Dwar l-ilma fil-*pump room*, ir-ritratt meħud mill-perita qabel beda x-xogħol ma juri l-ebda ingress tal-ilma u dan jikkorrobora l-verżjoni tal-atturi. In-nuqqas tal-konvenuti li jipproduċu r-rapport ikkumissjonat minnhom ta' *thermal imaging* tal-pajpijiet ta' madwar il-pixxina – u l-fatt li qabbdu kuġin tal-kuntrattur għal dan l-iskop – jimmilita bis-sħiħ kontra l-kredibilita` u l-bona fede tagħhom u jissufraga l-validita` u l-konklużjonijiet tar-rapport ikkummissjonat mill-atturi, minkejja li l-konvenut Perit Angiolino Micallef jattakka l-konklużjoni tiegħu bħala li mhix waħda xjentifika.

---

[15] Ara rapport para. 3.1 sa 3.3 a fol. 33 u 34 tal-proċess.
[16] Il-Perit Benjamin Vassallo in kontro-eżami a fol. 361.

Fl-affidavit tagħha l-Perit Cassar Mallia tesebixxi iktar ritratti li juru *settlement cracks* f'wieħed mill-ħitan tal-ġnien kif ukoll xi fili tal-madum ta' madwar il-pixxina miftuħin.[17] Dawn iżda ma jirriżultax li huma l-istess bħal dawk murija fir-ritratti mar-rapport tal-Perit Musumeci. In kontro-eżami qalet li "ma niftakarx li kien hemm ilma jċarċar fil-garaxx jew fil-*pump room*".[18]

Ikkunsidrat:

***Nexus***

Il-kondotta illeċita hi l-kawża tas-seħħ tad-dannu meta mingħajrha, id-dannu ma kienx iseħħ: il-*conditio sine qua non.* [19] Ness li ma jistax jeżisti jekk il-ħsara ma tiġrix b'konsegwenza tal-kondotta ta' xi persuna, imma tkun l-effett t'aċċident jew ta' forza maġġuri.[20] L-atturi ġabu prova ta' dan in-ness, anke billi wrew li l-ħsara li sofrew seħħet meta kien għaddej ix-xogħol, u allura probabilment b'konsegwenza tiegħu.

**Kolpa**

Ma kien hemm l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejn l-atturi u l-konvenuti. Għalhekk f'din il-kawża qegħdin fil-kamp extra-kuntrattwali, speċifikament fil-kamp delittwali. F'dan il-kamp, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija

[17] Ara affidavit tal-Perit Leanne Cassar Mallia a fol. 390.
[18] Fol. 528.
[19] P. Trimarchi, *Causalita` e Danno*, Milano, 1967, 5.
[20] Art. 1029 tal-Kodiċi Ċivili.

tiegħu.[21] Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.[22] Għalhekk il-vittma ta' ħsarat trid tipprova mhux biss l-element materjali tan-ness bejn azzjoni u ħsara imma wkoll il-*colpa* ta' min wettaq l-għemil li kkawżalu l-ħsara. Din il-prova ssir billi l-vittma turi li kien hemm nuqqasijiet speċifiċi jew insuffiċjenzi minn min wettaq l-għemil.

Il-Kodiċi Ċivili Taljan għandu fl-Artikolu 2051 tiegħu disposizzjoni espressa li tgħid li "*ciascuno e` responsabile del danno cagionato della cose che ha in custodia, salvo che provi il caso fortuito*". Dwar dan id-dispost, ġie spjegat mill-Qorti tal-Kassazzjoni illi "*in tema di danni cagionato da cose in custodia, l'Articolo 2051 non esonera il danneggiato dell'onere di provare il nesso causale fra cose in custodia e danno, ossia di dimostrare che l'evento si e` prodotto come conseguenza normale della particolare condizione, potenzialmente lesiva, posseduta della cosa, mentre spetta al custode dimostrarne il fortuito*".[23]

Il-Kodiċi Ċivili Taljan għalhekk joħloq preżunzjoni legali relattiva ta' ħtija f'min ikollu xi ħaġa fil-kustodja tiegħu li tikkawża dannu. Preżunzjoni legali relattiva topera fl-astratt u toħloq deroga għall-prinċipji ġenerali dwar it-tqassim tal-piż tal-prova. Dan sabiex tgħin il-qagħda proċesswali ta' waħda mill-partijiet u sabiex timbotta lill-Qorti favur deċiżjoni iffavorita mil-liġi.

[21] Art. 1031 tal-Kodiċi Ċivili.
[22] Art. 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili.
[23] Cass. 13 ta' Frar 2002, Numru 207.

Fil-Kodiċi Ċivili Malti m'hemmx disposizzjoni bħal din. Id-danneġġjat għalhekk jibqagħlu l-obbligu li jipprova kemm in-ness kif ukoll il-kolpa.

B'danakollu, il-Qorti tista', minflok, jekk ikun il-każ, tuża' l-preżunzjoni sempliċi jew ġudizzjarja. Il-preżunzjoni hija l-konsegwenza li l-liġi jew il-Qorti jisiltu minn fatt magħruf biex jistabbilixxu fatt mhux magħruf. Imma l-preżunzjoni sempliċi hija differenti minn dik legali.

Il-preżunzjoni legali hija prevista minn norma ġuridika, filwaqt li l-preżunzjoni sempliċi tiġi elaborata fil-ġudizzju partikolari. Il-preżunzjoni legali timponi fuq il-Qorti deċiżjoni lesta minn qabel għall-każijiet kollha li tirreferi għalihom b'mod astratt. Deċiżjoni li f'ċerti każijiet ma tirrapreżentax il-konsegwenza ta' fatt "magħruf" u lanqas tikkorrispondi għall-*id quod plerumque accidit.* Il-Qorti tkun meħlusa mil-liġi milli tagħmel dan l-eżerċizzju induttiv. Dan għaliex il-liġi tikkunsidra fatt mhux ippruvat bħala ippruvat fl-assenza ta' prova kuntrarja.

Bil-kontra, l-preżunzjoni sempliċi hija l-premessa loġika tad-deċiżjoni u tgħodd biss għall-każ partikolari li jkun qiegħed jiġi deċiż. Il-Qorti għalhekk trid titlaq mill-fatt konkret u "magħruf" li jkollha quddiemha u tislet preżunzjoni abbażi tal-*id quod plerumque accidit* - fuq dak li tgħallem l-esperjenza; ir-riżultat probabbli ta' azzjoni partikolari. Il-preżunzjoni trid tkun ibbażata fuq elementi gravi u konkordanti, u tittieħed fil-kuntest tal-kundizzjonijiet ambjentali u kulturali.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, kellu jkun previdibbli għal kull wieħed mill-konvenuti li l-iskavar ta' terren ta' blat "tal-qawwi"; anzi "tal-qawwi" li kien partikolarment iebes, fuq medda kbira ta' art u sal-fond ta' bejn sular u sular u nofs b'inġenji kbar "tal-musmar" **seta' jġib ħsara lill-fondi tal-ġirien**, anke jekk it-tħaffir isir sa ħames metri u nofs bogħod. Il-fatt li l-liġi tipprojbixxi t-tħaffir f'distanza ta' inqas minn sitta u sebgħin ċentimetru (76 ċm.) mill-ħajt diviżorju ma jfissirx li, *a contario sensu*, jista' jsir kwalunkwe tip ta' tħaffir f'distanzi ikbar – kif donnu jirraġuna l-Perit konvenut fid-depożizzjoni tiegħu. M'għandux ikun dubitat illi meta wieħed jiżvolġi attivita` li min-natura stess tagħha u tal-mezzi adoperati tista' titqies perikoluża, xejn ma tiswa' s-semplici prova negattiva illi hu ma kkommetta l-ebda ksur ta' regolamenti. F'każijiet bħal dawn, il-fatt li seħħet il-ħsara toħloq preżunzjoni sempliċi tal-kulpa tad-danneġġjant. Għalhekk f'din il-kawża, l-atturi ppruvaw mhux biss in-ness bejn l-azzjoni u l-ħsarat imma wkoll il-kolpa ta' dawk li wettqu l-azzjoni.

Ikkunsidrat:

**Solidarjeta`**

Hi liġi li jekk il-biċċa tal-ħsara li kull wieħed ikun ikkaġuna ma tkunx tista' tiġi stabbilita, min ikun bata l-ħsara jista' jitlob il-ħlas tal-ħsara kollha mingħand kull min irid minn dawk li jkunu ħadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll ma jkunux imxew dolożament, bla ħsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-ieħor jew l-oħrajn.[24] F'dan il-każ huwa diffiċli li tiġi stabbilita l-biċċa tal-ħsara li kkawża kull konvenut, anke għaliex il-fatt materjali huwa wieħed; fiżikament esegwieh il-kuntrattur iżda l-konvenut Perit kien responsabbli mill-proġett, filwaqt li s-sid

[24] Skont Art. 1050(1) tal-Kodiċi Ċivili.

kellu l-kustodja tal-fond fejn saru x-xogħlijiet li kkawżaw il-ħsara. Għalhekk tapplika s-solidarjeta` passiva bejniethom.

**Danni**

Il-kwantum tad-danni jirriżulta mill-istima *itemised* magħmula mill-Perit Robert Musumeci. Id-ditta assikuratriċi tal-atturi ħallset abbażi ta' din l-istima. Barra l-ħlas għax-xogħlijiet riparatorji hemm ukoll ħlasijiet tad-diversi esperti.

L-istima tal-Perit Musumeci tinkludi t-tiswija tal-bir li iżda fir-rapport tal-istess perit ma ġiex ċertifikat jekk kellux ħsara jew le. Għalhekk il-Qorti sejra tnaqqas l-ammont ta' €4,570 eskluż il-VAT imniżżel fil-paragrafu 4.3 tar-rapport.[25] Bil-VAT jiġi €5,392.60

Il-qorti tinnota wkoll li sar xogħol fil-kċina, li ma kinitx inkluża fir-rapport tal-ħsarat. Ma jingħadx kemm jiswa dan ix-xogħol u għalhekk il-Qorti sejra arbitrio boni viri tnaqqas is-somma ta' €2,000 eskluż il-VAT. Bil-VAT tiġi €2,360. Sejra tnaqqas €500 oħra, eskluza l-VAT, billi wieħed mill-ħitan tal-ġnien kellu xi konsenturi qabel l-akkadut. Bil-VAT tiġi €590.

Għalhekk, il-Qorti qiegħdha tistma l-infieq għat-tiswijiet fis-somma ta' €34,459.78 – (€5,392.60 + €2,360 + €590 = €8,342.60) = €26,117.18. Ma' dawn jiżdiedu €619.50 kont tal-Perit Musumeci u €150 għas-servizzi ta' *thermal imaging*. Total: €26,886.68 inkluż il-VAT.

---

[25] Ara Fol. 34 u Fol. 35.

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara lill-konvenuti responsabbli solidalment bejniethom għad-danni kkawżati fil-fond proprjeta' tal-atturi minħabba traskuraġni u negliġenza da parti tal-istess konvenuti.

2. Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' €26,886.68 li għandhom jitħallsu €26,836.68 lil MAPFRE Middlesea p.l.c. (C5553) u €50.00 jitħallsu lill-atturi Attard b'rimbors għall-*excess*.

3. Tilqa' t-tielet talba billi tordna lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 3804/2019 u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat flimkien mar-Rikors Ġuramentat a kariku tal-konvenuti solidalment bejniethom.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA